U ebda xemx
Ma ddawwal dlam l-infern:
M'hemmx, m'hemmx!"

Bħal ħuta li tfittex, imweġġgħa
Il-leħħa tad-dawl, imbagħad 'l isfel
Togħdos ha ttaffi l-uġigħ f'bews id-dlam,
Qalbi qed tinseġ
Bejn mewt u ħajja
Għanqbuta ħolm kollha dmugħ imniddija.
U bħal Lazzru tixxennaq
Għall-mejda tal-Għani,
U tolfoq, u ssamma'
Leħenha: Lamma
Lamma
Lamma sabaqtani!

Jidhru f'sakra ta' żfin
Dlam u dawl u dawl u dlam
Mitlufin
Ileħħu u jgħibu
Fuq xefaq ruħi wċuħ il-maħbubin.
Hena u niket
F'bewsa ltaqgħu:
Kollox siket
Hlief it-talb
Jitla' u jinżel, jibki u jifraħ mat-tertiq ta' ħbit il-qalb.
Mat-tressiq u mat-tbegħid
Tal-imrar tal-Agunija,
Tat-tbissim ta' Sebħ il-Għid.

Hassejt ħarstek, Mulejja,
Tberred il-ħruq tad-deni fuq ħaddejja.
M'għadux sfiq
Leħen l-ilfiq.
F'bewsa ltaqgħu
Hena u niket:
Kollox,
Kollox,
Kollox siket.

Jannar, 1963, wara operazzjoni.
Sptar ta' San Luqa,



## INT MA TGĦID XEJN?

### Quddiem xbieha tal-Qalb ta' Ġesù

*Ta'* NORBERT M. DEGABRIELE, O. Carm

...U Int hawnhekk! Qed tara ħiemed tigri
Go qlub ir-rgħiba; u jagħtu lkoll minkbejn
Għall-faqar li fih għext... Madankollu
Int ma tgħid xejn!

Tintesa qiegħda ġrajja fuq muntanja,
Li biha ridt li tħallas tagħna d-dejn;
U għalkemm sikwit xi bniedem joqtol ieħor,
Int ma tgħid xejn!

Mormija l-ġilji bojod minn dal-bniedem
Għax fih is-safa ma tinsabx. Int bejn
Trid terġa' ssawtu b'nerv, 'mma sieket tibqa'
U ma tgħid xejn!

Qed tqum kull belt għall-oħra ta' maġenbha,
U nar mis-sema qed jaqa' f'ħaddejn
L-imsejkna tfal. Int twaqqa' demgħa ċkejkna,
'Mma ma tgħid xejn!

Nitriegħed ħdejk! X'ħin qalbek l-aktar ħelwa
Tinqasam b'dagħwa b'Ismek, hekk, għalxejn;
U nilmħek ġwejjed hemm. 'Mma din id-darba...
Kif? Ma tgħid xejn?